MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 64/2023 LM

**Joseph Spiteri (K.I. nru. 682562(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Tlata Limited (C 16319)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Tlata Limited (C 16319)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-24 ta' Mejju, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru.

4002/CC, fejn iddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Joseph Spiteri (K.I. nru. 682562(M))** fil-konfront tagħha kif ġej:

> *"**Deċiżjoni***
>
> *Tenut kont tal-mod kif ġew ippreżentati l-fatti f'dan il-proċess, it-Tribunal, ma jħossx bħala aċċettabbli l-mod komparattivament faċli li bih ġiet mitmuma l-esperjenza lavorattiva bejn l-Appellant u s-Soċjetà ntimata. F'dan l-isfond, it-Tribunal jiddikjara t-temm tal-impjieg in kwistjoni bħala wieħed inġust.*
>
> *Fid-dawl ta' din id-decizjoni, s-soċjetà ntimata għandha tħallas lill-Appellant l-ammont sħiħ ta' €10,000 fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni. Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li meta l-Appellant kellu l-impjieg tiegħu mitmum kellu 59 sena, kien ilu jaħdem mas-soċjetà ntimata 15-il xahar. Dan it-Tribunal innota wkoll illi filwaqt li l-Appellant għadu sallum bla xogħol, minn dakinhar li safa mkeċċi mix-xogħol u ċjoe' minn Ġunju 2021 sallum huwa qatt ma rreġistra ma' Jobsplus bħala disimpjegat. Dan it-Tribunal ikkunsidra wkoll li l-Appellant jippossjedi ħiliet ristretti, huwa llitterat, u li fiċ-ċirkostanzi ma jagħmluhiex faċli li jirċievi taħriġ ħalli jkabbar il-ħiliet tiegħu.*
>
> *Dan it-Tribunal ħa konjizzjoni wkoll tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imħ. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deċiża nhar 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deċiża mill-istess fit-23 t'April 2018 fejn ġie stabbilit li:* 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) KAP 452, it-Tribunal għandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew raġonevoli', *u* 'li l-Arbitru tat-Tribunal għandu jkun wieħed boni viri bażat fuq apprezzament ekwu skont il-mudell tal-bonus pater familias'.
>
> *...*
>
> *B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegazzjoni magħmula mill-appellat ta' tkeċċija nġusta mix-xogħol tiegħu mas-soċjetà appellanta fit-23 ta' Ġunju, 2021, fejn huwa kien impjegat *full-time* għal żmien indefinit bħala *Heavy Vehicle*

*Truck Driver/Quarry Worker.* Huwa kien beda jaħdem mas-soċjetà appellanta fit-13 ta' Marzu, 2020, u ftit iktar minn sena wara fil-25 ta' Mejju, 2021 huwa kien involut f'inċident meta inqaleb bit-trakk li kien qiegħed isuq. B'riżultat ta' dan l-inċident, huwa spiċċa sofra ksur li ħallih b'diżabilità permanenti. Fid-9 ta' Ġunju, 2021, l-appellat kien irċieva messaġġ telefoniku u anki ittra mingħand s-soċjetà appellata, fejn ġie nfurmat li huwa kien qiegħed jingħata n-*notice,* u b'hekk fit-23 ta' Ġunju, 2021 intemm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta, li kkomunikat ir-raġuni tagħha lil *Jobsplus* bħala '*Dismissed: Failure to perform duties as agreed in the Employment Contract'.*

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fl-1 ta' Ottubru, 2021, fejn talab l-imsemmi Tribunal sabiex -

> *"1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-esponent tikkostitwixxi tkeċċija inġusta;*
>
> *2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Tlata Limited jinżamm responsabbli għall-ħlas ta' kumpens ġust u ekwu skont il-liġi u jillikwida l-istess u jordna l-ħlas tal-ammont hekk illikwidat mill-intimat lill-esponent.*
>
> *Bl-ispejjeż."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fid-9 ta' Novembru, 2021, fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet waħda ġusta u valida skont il-liġi, u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien wieħed u ċjoe' li jiġġudika jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant minn mas-soċjetà ntimata kienetx waħda ġusta u suffiċjenti.*

*Sabiex għamel dan, it-Tribunal ħa dawn il-fatti in konsiderazzjoni:*

- *L-Appellant kien ġie mpjegat mas-Soċjetà ntimata nhar it-13 ta' Marzu 2020 fuq bażi* Full-Time-Indefinite. *Tali mpjieg dam fis-seħħ sa nhar it-23 ta' Ġunju 2021, bir-raġuni ndikata lill-Jobsplus bġala:* 'Naqas li jagħmel id-doveri tiegħu skont kif miftiehem fil-kuntratt tal-impjieg'.
- *Fil-25 ta' Mejju 2021 l-Appellant kien involut f'inċident waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu. F'dan l-inċident it-trakk li kien qed jaħdem bih inqaleb waqt li huwa kien qed iħott it-terrapien li kien mgħobbi fl-istess trakk.*
- *Riżultanti minn dak li ġara l-Appellant kien sofra xi ġrieħi tant li wara l-inċident ittieħed f'Poliklinika r-Rabat u wara anke fl-isptar Mater Dei.*
- *Wara l-inċident riferut, l-Appellant kopert b'ċertifikati mediċi, l-Appellant ma daħalx aktar xogħol sa mal-impjieg tiegħu ġie mitmum.*
- *Fid-9 ta' Ġunju 2021, Paul Falzon Direttur tas-Soċjetà ntimata permezz ta' messaġġ telefoniku (SMS) kien informa lill-Appellant: 'Mil-lum bin-*notice *sat-23 ta' Ġunju 2021. Pawlu Tlata'.*
- *Fl-istess jum, Pawlu Falzon kien kiteb lil-istess Appellant fejn kien infurmah illi l-impieg tiegħu minn ma' Tlata Limited kien ser ikun terminat mit-23 ta' Ġunju 2021. Fl-istess korrispondenza l-Appellant kien infurmat ukoll li nhar il-25 ta' Mejju 2021 minħabba negliġenza tiegħu vettura li huwa kien qed juża sofriet ħsarat u talbu sabiex isewwi l-ħsara mingħajr dewmien, u li fin-nuqqas ta' dan il-kumpannija tieħu azzjonijiet legali.*
- *L-Inġ. Godfrey Muscat kien ġie nkarigat sabiex jagħmel rapport tekniku sabiex jiddetermina l-kaġunijiet possibli u d-dinamika li wassal sabiex it-trakk jinqaleb u fejn tali vettura ġarbet ħsarat konsiderevoli. Ir-rapport kien ikkummissjonat minn Paul Falzon bħala s-sid tat-trakk u tal-barriera fejn seħħ l-inċident.*

- *L-Inġ. Muscat bħala parti mill-intrigu tiegħu fir-rigward ta' dan ir-rapport għamel żewġ spezzjonijiet fuq il-lok fejn ingħad lilu li seħħ l-inċident u dan nhar l-20 u 27 t'Awwissu 2021.*
- *Fil-konklużjoni tar-rapport, l-Inġ. Muscat jistqarr li huwa ntervista biss lil Paul Falzon u ma ntervista lil ħadd aktar, lanqas lil Joseph Spiteri li kien ix-xufier tat-trakk involut fl-inċident.*

*Dan it-Tribunal huwa moralment konvint illi d-deċiżjoni li l-impjieg tal-Appellant ikun mitmum bil-mod kif ġie mitmum kien motivat mill-fatt illi kaġun tal-ġrieħi li ġarrab l-Appellant fl-inċident, ma dehrx li kien ser jidħol lura għax-xogħol fi żmien qasir u allura l-*Employer *kien ser ikun kostrett li jibqa' jħallsu paga sħiħa għall-perijodu li jdum barra mix-xogħol. Tant li l-impjieg ġie mitmum madwar 4 ġimgħat wara li seħħ l-inċident nhar il-25 ta' Mejju 2021.*

*Matul dan il-proċess ma ġiex indikat li sar xi proċess dixxiplinarju li minnu rriżulta li l-inċident riferut, seħħ kaġun ta' negliġenza grossolana min-naħa tal-Appellant u li b'riżultanza t'hekk ġie mitmum l-impjieg nhar it-23 ta' Ġunju 2021.*

*Dwar dan, wara li l-impjieg kien diġà mitmum, li sar kien li min-naħa tas-Soċjetà ntimata ġie kkummissjonat l-Inġ. Godfrey Muscat sabiex jagħmel rapport sabiex jistabbilixxi o meno jekk l-inċident kienx seħħ bi traskuraġni u jekk setax jiġi evitat. Spezzjonijiet fuq il-post fejn ġie ndikat lill-Inġ. Muscat saru nhar l-20 / 27 t'Awwissu 2021 u ċjoe' kważi xahrejn wara li seħħ l-inċident.*

*Dan it-Tribunal josserva li fil-konklużjonijiet tar-rapport tiegħu l-Inġ. Muscat jistqarr li* 'The site was visited after the truck was shifted from original accident location' *u* 'Neither the driver, nor other witnesses, were interviewed apart from the quarry owner Mr. Paul Falzon'.

*Josserva wkoll li fix-xhieda tiegħu l-Inġ. Muscat stqarr b'mod ċar li bħala nvestigazzjoni huwa ma kienx ħa l-verżjoni ta' Joseph Spiteri l-Appellant, għaliex ma ħassx il-ħtieġa u għaliex '*jiena mxejt fuq il-guidlines tal-klijent'. *Huwa stqarr li meta ġie biex jagħmel l-investigazzjoni tiegħu dwar l-inċident huwa ma kienx talab sabiex jiġu identifikati n-nies li kienu preżenti fuq il-lok proprju fejn u meta seħħ l-inċident. Huwa stqarr li meta jiġi mqabbad mill-Qorti bħala espert huwa jieħu l-verżjonijiet tal-partijiet involuti. L-Inġ. Muscat waqt ix-xhieda tiegħu stqarr ukoll li huwa ma daħalx fl-aspett ta'* Health & Safety *u jekk il-barriera kienetx suppost qed topera. Huwa tenna li kien qagħad biss fuq l-informazzjoni u ritratti li kien tah Falzon.*

*Dan it-Tribunal josserva illi filwaqt li r-raġuni li ngħatat lill-Jobsplus li l-impjieg ġie mitmum kienet għaliex '*naqas li jagħmel id-doveri tiegħu skont kif miftiehem fil-

kuntratt tal-impjieg', *quddiem dan it-Tribunal ma ġie esebit l-ebda kuntratt tax-xogħol, u jeżisti dubju serju dwar kemm dan l-obbligu legali u ċjoe' li kull impjieg irid ikun kopert b'kuntratt tax-xogħol kien osservat f'dan il-każ ittrattat.*

*Dan it-Tribunal jemmen illi d-dritt tax-xogħol huwa sagrosant u għandu jiġi rispettat sija min-naħa tal-impjegat kif ukoll min-naħa ta' min iħaddem. L-impjieg huwa stitut serjissimu fejn tiġi nvoluta r-relazzjoni umana.*

*Tramite dan it-twemmin, dan it-Tribunal huwa konxju li s-sid ta' kull intrapriża għandu l-fakoltajiet amministrattivi li jikkreja ċirkostanzi opportuni u li permezz tagħhom itemm impjieg ta' xi dipendent minn tiegħu, però dan il-pass iġorr miegħu wkoll konsegwenzi mhux sbieħ, meta tali deċiżjonijiet ma jkunux ibbażati fuq nuqqasijiet gravi attribwiti lejn l-impjegat, wara li jkun sar proċess ta' dixxiplina trasparenti fejn l-impjegat ikun ingħata ċ-ċans li jagħti l-verżjoni tiegħu. Proċess li wara li jkun eżawrit ikun deċiż li jkun suffiċċjenti li jingħata liċenzjament, meqjusa fil-kamp tad-dixxiplina lavorattiva bħala l-piena kapitali."*

## <u>L-Appell</u>

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-2 ta' Ġunju, 2023, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tirrevoka u tħassar d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fl-24 ta' Mejju, 2023 fejn iddikjarat it-temm tal-impieg tal-appellat Joseph Spiteri bħala wieħed inġust u llikwidat il-kumpens fis-somma ta' €10,000 u tgħaddi sabiex tiddikjara li s-soċjetà esponenti appellanti Tlata Limited kienet ġusta u ekwa meta hija temmet l-impjieg tal-appellat Joseph Spiteri għar-raġuni li l-appellat kiser l-obbligi tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' impjieg mas-soċjetà appellanti Tlata Limited u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi li jiġu sopportati mill-appellat Joseph Spiteri."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) id-deċiżjoni appellata safejn imsejsa fuq konvinċiment morali hija paradossali, inkongruwenti u legalment insostenibbli; (ii) il-konvinċiment tat-Tribunal huwa bbażat fuq suppożizzjoni, suspett jew konġettura soġġettiva; (iii) l-argument tat-Tribunal dwar il-fatt li ma

ġiex esebit il-kuntratt tax-xogħol tal-appellat, huwa invalidu; (iv) it-Tribunal jonqos milli jfisser għaliex il-komportament tal-appellat ma kienx jiġġustifika t-tkeċċija tiegħu; (v) l-inkompetenza tal-impjegat tfisser ksur tal-kuntratt ta' impjieg; (vi) hija kienet ġustifikata li tkeċċi lill-appellat, li wera traskuraġni f'livell għoli; (vii) ma kienx meħtieġ li tipprova t-traskuraġni u l-inkompetenza tal-impjegat; u (viii) mingħajr preġudizzju għall-aggravji ta' qabel, il-likwidazzjoni tal-kumpens hija żbaljata u eċċessiva.

**<u>Ir-Risposta</u>**

7. L-appellat wieġeb fit-28 ta' Novembru, 2023, fejn filwaqt li rrileva li l-appell odjern ma sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, sostna li d-deċiżjoni appellata hija fil-mertu ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra jekk l-appell odjern jiswiex abbażi ta' jekk is-soċjetà appellanta ottemporatx ruħha mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li dan is-subartikolu jitlob li appell minn sentenza tat-Tribunal għandu jsir biss fuq punt ta' liġi, u dan fiċ-ċirkostanzi hemmhekk imfissra, fosthom fejn il-każ jirrigwarda l-allegata tkeċċija mingħajr kawża ġusta. Meħud in konsiderazzjoni li t-talba tal-appellat lit-Tribunal kienet proprju għal dikjarazzjoni li huwa tkeċċa mingħajr kawża ġusta, din il-Qorti tgħid li l-appell odjern jista' jkun permess biss jekk jaqa'

fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu ċitat, u għalhek ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk is-soċjetà appellanta ottemporatx ruħha mas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

9. L-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li d-deċiżjoni appellata hija waħda msejsa fuq konvinċiment morali paradossali, inkongruwenti u legalment insostenibbli. Issostni li l-prova mistennija fi proċeduri ta' natura ċivili, ma tistax tikkonsisti f'suppożizzjoni, suspett jew konġettura, imma għandha tkun waħda konkreta u materjali, kapaċi li tikkonvinċi lill-ġudikant. Tikkontendi li hawnhekk ma tressqet l-ebda prova bħal din, li kellha turi li l-motiv għat-tkeċċija tal-appellat kien il-fatt li dan ma kienx ser jidħol lura għax-xogħol fi żmien qasir. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa pjuttost l-istess bħall-ewwel wieħed tagħha. Il-Qorti tikkunsidra li dak li qiegħda titlob minnha hawnhekk is-soċjetà appellanta, huwa proprju li tinvestiga l-apprezzament tal-provi kif magħmul mit-Tribunal, li esprima l-konvinċiment tiegħu dwar dik li kienet filfatt tikkostitwixxi r-raġuni tas-soċjetà appellanta għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu. Għalhekk l-ewwel aggravju tagħha ma jistax jitqies ammissibbli skont il-liġi.

10. Fit-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li huwa invalidu l-argument tat-Tribunal li l-fatt li ma kienx ġie esebit kuntratt tax-xogħol, dan kien ifisser li r-raġuni mogħtija minnha lil *Jobsplus* għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, jiġifieri li dan ma kienx qed jaqdi dmirijietu skont l-istess kuntratt, ma kienitx ġustifikabbli. Hawnhekk għal darb'oħra s-soċjetà appellanta qiegħda tippretendi li l-Qorti għandha tinvestiga l-apprezzament tal-provi li sar min-naħa tat-Tribunal, f'dan il-każ x'kienet tfisser għalih in-nuqqas ta' prova tal-kuntratt

ta' xogħol. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll ma jistax jiġi ttrattat minn din il-Qorti.

11. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija tinsab aggravata wkoll bil-fatt li t-Tribunal naqas milli jispjega għaliex l-aġir tal-appellat fl-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu, ma kienx jiġġustifika t-tkeċċija tiegħu. Tgħid li hawnhekk it-Tribunal kemm irrileva li ma kien hemm l-ebda proċess dixxiplinarju trasparenti, fejn l-istess appellat seta' jagħti l-verżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellanta tkompli tgħid li t-Tribunal warrab ir-rapport tal-Ing. Muscat, ġaladarba dan ma kienx sema' l-verżjoni tal-appellat, ma kienx identifika l-persuni preżenti fil-ħin tal-inċident, u ma kienx daħal fl-aspett tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u jekk il-barriera kellhiex topera jew le. Tgħid li t-Tribunal saħansitra ma esprimiex il-fehma tiegħu dwar dak li qal l-Inġ. Muscat fir-rigward tal-komportament tal-appellat. Il-ħames aggravju tas-soċjetà appellanta jkompli fuq dan ir-raba' aggravju. Hija tikkontendi li kienet saret id-debita prova tat-traskuraġni tal-appellat, li kif wera r-rapport tal-Inġ. Muscat, kien jimmerita t-tkeċċija tiegħu. Is-sitt u s-seba' aggravji huma marbutin mat-tnejn ta' qabilhom. Is-soċjetà appellanta tinsisti li t-traskuraġni tal-appellat kienet tant li huwa kisser trakk, u saħansitra weġġa' lilu nnifsu, sabiex b'hekk hija kienet ġustifikata li tkeċċih. Hija tiċċita dak li jgħid l-awtur Selwyn fir-rigward. Iżda hawnhekk ukoll l-argumenti tas-soċjetà appellanta jolqtu l-mertu, jiġifieri li l-provi tagħha kellhom jikkonvinċu lit-Tribunal li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu kienet waħda ġustifikata fid-dawl tal-allegata responsabbiltà għall-inċident li riżultat tiegħu huwa kien weġġa', u ma rritornax għax-xogħol. Il-Qorti tgħid li l-

apprezzament tal-provi prodotti mis-soċjetà appellanta, ma jaqax fil-kompetenza tagħha li hija ristretta għal kwistjonijiet marbuta ma punti ta' liġi.

12. It-tmien aggravju tas-soċjetà appellanta, huwa dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat skont id-deċiżjoni appellata. Issostni li dan huwa wieħed żbaljat u saħansitra eċċessiv, fejn it-Tribunal naqas milli jikkunsidra dawk iċ-ċirkostanzi bħad-dmir tal-impjegat li jimmitiga t-telf billi jonqos saħansitra li jirreġistra għax-xogħol sabiex b'hekk jirċievi l-benefiċċju għad-diżokkupazzjoni tiegħu. Tgħid li t-Tribunal naqas ukoll li jikkunsidra li l-appellat permezz tal-aġir tiegħu kienu kkontribwixxa għall-inċident li wassal għal dannu sostanzjali fil-makkinarju fdat lilu. Filwaqt li tirrileva li t-Tribunal filfatt qies diversi fatturi qabel ma wasal għaċ-ċifra finali tal-kumpens, u jekk għażel li ma jikkunsidrax dak li qiegħda tinsisti fuqu s-soċjetà appellanta, tagħraf li huwa kellu kull diskrezzjoni li jagħmel dan. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju wkoll mhux ammissibbli.

__**Decide**__

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-appell tal-appellant huwa wieħed irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**